# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr. Claire L Stafrace Zammit B.A. LL.D.

**Il-Pulizija**
**[Spettur Nicholas Vella]**
**[Spettur Mark Mercieca]**

**vs**

**Amadeo Grima**

**Kumpilazzjoni Numru: 733/15**

**Illum, 16 ta' Jannar, 2017**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Amadeo Grima detentur tal-karta tal-identita` numru 259780(M) .

Akkuzat tall fl-14 ta' Lulju 2015, gewwa Triq San Pawl, Mgarr, ghall-habta tal-16:15 hrs u anke matul is-sighat ta' qabel:

A. ikkommetta serq minn gewwa vetturi DBT946 ta' ghamla Honda u vettura HBP586 tal-ghamla Citroen li hu aggravat bix-xorta tal-haga misruqa u anke bil-valur li jaccedi s-somma ta' mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin centezmu (232.94Eur) izda naqas minn elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (2,329.37); Art. 267, 271 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
B. talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ghamel hsara volontarja fil-vettura tal-ghamla Honda bin-numru tar-registrazzjoni DBT946 proprjeta` ta' Caroline Galea, u anke fil-vettura Citroen bin-numru tar-registrazzjoni HBP586 proprjeta` ta' Michael Fenech, ai termini tal-Artikolu 325 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
C. talli nhar l-20 ta' Lulju 2015, gewwa l-Imgarr, Malta wara li gie ikkundannat fil-Qorti tal-Magistrati, Malta, ghal serq jew ghal ricetazzjoni, instabu fil-pussess tieghu, ghodod jew oggetti ohra tajbin

ghall-ftuh jew sgass ta' serraturi minghajr ma ta kont sodisfacenti ghal-liema skop legittimu kienu jinstabu ghandu; Artikolu 287 tal-Kap. 9; u

D. talli rrenda ruhu recediv wara li gie misjub hati b'sentenza tal-Qorti ta' Malta, mill-Magistrat Antonio Micallef Trigona datata nhar id-29 ta' Awwissu 2012, liema sentenza giet konfermata mill-Onor Imhallef Lawrence Quintano nhar il-5 ta; Dicembru 2012, u hija definittiva u ma tistax tigi mibdula. Art. 49, 50, 289 Kap. 9.

Rat id-dokumenti pprezentati; inkluz il-Kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza odjerna tigi trattata bi procedura sommarja;

Rat l-ammissjoni tal-imputat ghall-akkuzi kif dedotti kontrih fi stadju bikri tal-proceduri u l-konferma ta' tali ammissjoni wara li nghata z-zmien opportun sabiex ikun jista' jirregola ruhu; u

Rat illi t-tieni (2) akkuza hija mezz ghall-fini tal-ewwel (1) akkuza u li t-tielet akkuza hija alternattiva ghar-raba' (4) akkuza.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 267, 271, 279, 280(1), 325, 287, 49, 50 u 289 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qieghda ssib lill-imputat Amadeo Grima hati ta' dawn l-akkuzi u tikkundannah ghal ghaxar (10) xhur prigunerija.

**Dr Claire L Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**